MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2010

Numru. 581/2005

Il-Pulizija
(Sup Carmelo Magro)
vs
Nathaniel Bouvet, iben Joseph, imwiled Pieta’ fis-17 ta’ Diċembru, 1987, Karta ta’ l-Identita numru 130788(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli f’xi ħin matul il-lejl bejn is-17 u it-18 ta’ Frar, 2003 ikkometta serq ta’ flus kkontanti mill-fond bl-isem ‘Paramount Bar’, Triq Ħal-Tarxien, Tarxien għa-dannu ta’ Francis Attard Vancell minn Marsaskala, liema serq hu kkwalifkat bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix l-elf lira maltin u bil-ħin;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi, volontarjament ħassar għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, għad-dannu ta’ l-istess Francis Attard Vancell, liema ħsara tammonta għal iżjed

minn ħamsin lira maltin iżda ma tiskorriex il-ħames mitt lira maltin;
3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;
4. talli fl-istess ħin, lok u ċirkostażi, ikkometta r-reat ta' serq waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza ta' sitt xhur priġunerija sospiżi għal sentejn tad-9 ta' Mejju, 2002 imposta fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta).

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Mejju, 2010 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tielet akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkuża. Issibu ħati tal-ewwel żewġ akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(b)(ċ)(f), 263, 264, 267, 270, 278(1)(2)(3) u 325 (1)(b) tal-Kodiċi Kriminali. Ikkunsidrat dwar il-piena. Illi l-imputat kien minorenni meta sari r-reat u illum ifforma familja u qed jaħdem bi profit u għalhekk piena karċerarja mhix indikata. Għalhekk, ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum. Dwar ir-raba' akkuża, rat l-artikolu 28B(1)(2)(a) tal-Kodiċi Kriminali u tastjeni milli tagħmel ordni dwar is-sentenza hawn fuq imsemmija. Minbarra dan, rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundanna lill-imputat li jħallas is-somma ta' erba' mija u erbgħin euro (€440) spejjeż inkorsi fil-ħatra ta' periti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------